**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Pierre Grech)**

**kontra**

**Luis Miguel Pace**

**(I.D. No. 534295(M))**

Kaz Nru.: 53/2014

**Illum, 6 t' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Luis Miguel Pace ta' 26 sena, bin Arthur Joseph u Doreen (Maria Dolores) nee` Aquilina, imwieled fil-*Columbia* nhar il-9 ta' Lulju 1995, residenti fi 12, Triq iz-Zinja, Santa Lucija u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 534295(M), permezz ta' liema gie akkużat talli f'dawn il-gzejjer, fil-2 ta' Frar 2013 u fix-xhur ta' qabel:

1) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew jaqsam mediċina psikotropika u ristretta (ecstacy) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-

2) miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta'Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstacy) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika,

bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta'Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstacy) mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta'Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

5) Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

6) kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-rażża bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti diversament preseduta datat 10 ta' April 2019 permezz ta' liema intlaqat it-talba tal-imputat sabiex dina l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga u konsegwentament irreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabi[litazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini ta' l-artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta[2];

Rat in-nota ta' Joanne Buhagiar Fiott fil-kapaċita' tagħha ta' koordinattriċi tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga permezz ta' liema

[1] Fol. 4 u 5 tal-atti processwali.
[2] Fol. 85 tal-atti processwali.

infurmat lill-Qorti illi l-imputat għażel li jiġi riferut lis-Sedqa bħala parti minn careplan tiegħu matul it-tmintax-il xahar;

Rat ukoll id-diversi noti tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-droga dwar il-progress ta' l-imputat, kif ukoll in-nota finali intavolata fid-19 ta' Ottubru 2020 permezz ta' liema l-Bord informa lil dina l-Qorti diversament preseduta li l-qua imputat segwa l-*careplan* b'success kif ukoll ir-rapport finali imhejji mill-Agenzija Sedqa li kienu qed issegwu lill-imputat[3];

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[4];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tax-xhieda gia mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[5];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Jonathan Cassar** li esebixxa l-istqarrija ta' l-imputat meħuda fl-uffiċċju tal-ex spettur Pierre Grech fil-preżenza ta' PS 923 Pierguido Saliba nhar it-3 ta' Frar 2013. Din l-istqarrija giet immarkata bħala Dok. JC. Huwa ezebixxa ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali ta' l-imputat, li giet immarkata bħala Dok. JC1, l-mobile tad-ditta Alcatel, 12-il pillola ta' lewn ahdar u pakkett riżla li kumplessivament gew immarkati bħala Dok. JC2[6]
2. **L-Ex Spettur Pierre Grech** xehed li bejn il-lejl ta' bejn it-2 u 3 ta' Frar 2013 waqt li l-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-Droga kienu qedgħin fuq *patrol* ġewwa Paceville, waqqfu xi żagħżagħ li kellhom suspett li seta' kellhom xi droga lleċita fil-pussess tagħhom. Ix-xhud kompla jgħid li wieħed minn dawn iż-żagħżagħ li ġew arrestati, kien il-qua imputat Luis Miguel Pace li nstab fil-pussess ta' borza tal-plastic li fiha kien hemm 12-il pillola ta' lewn aħdar suspettati ecstasy. Ix-xhud qal li huwa kellem lill-imputat ġewwa d-depot fil-preżenza ta' PS 923 Saliba u missier l-imputat Arthur Joseph Pace. L-imputat irrilaxxa stqarrija wara li ngħata s-solitu twissija u ġie infurmat li kellu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat. Fil-fatt l-imputat għażel li ma' jikkonsultax ma' avukat.

---

[3] Fol. 106 et sequitur tal-atti processwali.
[4] Fol. 122 tal-atti processwali.
[5] Fol. 125 tal-atti processwali.
[6] Ara a fol. 9 sa 16 tal-Proċess.

3. **L-Ispettur Pierguido Saliba** xehed li huwa kien involut fl-arrest u anke fit-tehid tal-stqarrija tal-imputat. Kompla jixhed li fit-2 ta' Frar 2013 huwa kien surgent stazzjonat l-Iskwadra kontra d-Drogi u dakinhar kienu qed jagħmlu patrols fl-inħawi ta' Paceville. Kompla jgħid li malli wasslu fl-inħawi magħrufa bħala l-parking ta' l-Axis, liema inħawi huma magħrufa għad-drogi, raw tnejn min-nies li kienu qed jagixxu b' mod suspettuż. Ix-xhud qal li pproċeda għal ġol parking u avviċina liż-żewġ persuni, wieħed mil-liema kien l-imputat. Ix-xhud xehed li identifkaw ruħhom bħala pulizija u rawhom ftit aġitati għalhekk ipproċedew biex jagħmlu perkwizizzjoni fuqhom. Waqt din it-tfittxija instabu 12-il pillola ħadra allegatament ecstasy fuq l-imputat odjern u ghalhekk ghaddew ghall-arrest tieghu. Huwa ngħata l-caution u ttieħed id-depot fejn ittieħdietlu stqarrija. Ix-xhud qal li l-imputat ammetta fl-istqarrija li dawk il-pilloli kien għaddhiemlu xi ħadd ieħor biex ikun jista' ibiegħ parti minnhom matul il-lejl u din kienet diġa ġrat darbtejn oħra. Ix-xhud xehed li l-imputat ikkoopera mal-pulizija.
4. **L-Espert Dr Steven Farrugia Sacco** li ġie maħtur f' dawn il-proċeduri minn dina l-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni sabiex iniżżel il-kontenut tal-mobile phone esebit bħala parti minn Dok. JC2 fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2016 xehed fil-5 ta' Diċembru 2016 u eżebixxa r-rapport tiegħu bħala Dok. SFS.[7] Mix-xhieda tieghu u anke mir-rapport tieghu jirrizulta li huwa rnexxielu jestratta l-kontenut tas-sim card madanakollu ma setghax jestratta l-informazzjoni minn fuq il-mobile ghaliex dan kien *locked*;
5. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bhala espert f' dawn il-proċeduri (fuq talba tal-prosekuzzjoni) sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala Dok. JC2 fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2016 xehed fil 15 ta' Marzu 2017 u esebixxa r-rapport tiegħu bħala Dok GS[8]. Permezz tar-relazzjoni tieghu l-ispizjar Sammut ikkonkluda li "*fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn hodor li hemm fid-dokument 057_17_01 instabet is-sustanza 3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru ta' pilloli kien ta' 12. Dina is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima A, tat-tielet skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta*"[9]; u
6. **PC 1295 Dillon Abela** xehed li l-uniku involviment tiegħu kien fis-*search* li saret fuq il-persuna ta' l-imputat meta dan twaqqaf mill-Pulizija bejn it-2 u 3 ta' Frar 2013 fil-carpark tal-Axis ġewwa Paceville. Huwa spjega li mit-tfittxija li saret fuq l-imputat huma kienu sabulu 12-il pillola ecstasy gewwa borza zghira.

---

[7] Ara fol. 25 sa 38 tal-Proċess
[8] Ara fol. 41 sa 52 tal-Proċess.
[9] Fol. 48 tal-atti processwali.

Min-naha taghha d-difiza ressqet is-segwenti provi:

7. **Il-Psikologa Antonella Mizzi** ddikjarat li hija ilha tahdem ghal dawn l-ahhar 10 snin bhala *counselling psychologist.* Hija xehdet li fl-2009 il-ġenituri ta' l-imputat li dak iż-żmien kellu 14-il sena kienu għamlu kuntatt magħha għaliex kienu inkwetati bl-imġieba tiegħu u ma kienx jafu kif jindirizzaw din l-imġieba. Ghal bidu l-imputat kien isibha difficli jattendi ghax kien ihoss li din it-terapija giet imposta fuqu. Kien qed jirribella ghal kull forma ta' awtorita`. Eventwalment l-imputat beda' jattendi għal laqgħat magħha fejn huwa qal li kienu iħossu fgat mill-familja tiegħu bħal donnu ma seta' jagħmel xejn. Ix-xhud xehdet li maż-żmien indunaw li l-imputat kellu problema bl-awtorita', kien impulsiv fid-deċiżjonijiet tiegħu u għalhekk kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' sintomi ta' ADHD. Ix-xhud kompliet li saru xi testijiet u ġie kkonfermat li kien hemm sintomi ċari ta' ADHD, ta' impulsivita u *restlessness* u *inattentive behaviour*. Ix-xhud baqgħet taħdem kemm mal-imputat kif ukoll mal-ġenituri tiegħu. Sussegwentament il-ġenituri tiegħu infurmawha li kien hemm il-problema tad-droga u hija rreferiethom għal servizz speċjali ġewwa l-Aġenzija Sedqa. Xehdet ukoll li hija konsapevoli li l-imputat jattendi terapija personali relatata ma' l-abbuż tad-droga u kif ukoll fir-relazzjonijiet tiegħu bħala adult. Ix-xhud kompliet tixhed li hija kienet għamlet id-dijanjosi u t-testijiet, iżda imbagħad hemm terapista attaposta u s-Sedqa li kien qed jagħtu t-terapija meħtieġa lill-imputat.
8. **Mike Orland** (*team leader* fi hdan l-agenzija Sedqa) spjega li l-imputat għamel kuntatt mad-Drugs' Community Team bejn Mejju 2013 u zam dan il-kuntatt sa Jannar jew Marzu 2015. L-imputat għamel kuntatt sabiex jindirizza il-problema ta' l-abbuż tad-droga. Huwa żamm kuntatt regolari u konsistenti. Fil-fatt huwa jiddeskrivi l-vjagg tal-imputat bhala wiehed posittiv. L-imputat dejjem attenda ghas-sessjonijiet tal-agenzija Sedqa u halli diversi kampjuni tal-urina, Huwa attenda ukoll terapija tal-familja. L-imputat stinka sabiex iżomm impieg fiss u sabiex ikompli jistudja. L-imputat ġie meqjus li egħleb il-vizzju tad-droga u mmatura konsiderevolment tul is-snin partikolarment bit-twelid tat-tarbija tiegħu. In vista ta' dan il-progress ġie miftiehem ma' l-imputat stess li s-Sedqa tagħlaq dan il-każ f' Marzu 2015.[10]
9. **Il-psikjatra Dr. Edward Curmi**, li xehed bhala espert mahtur minn dina l-Qorti fuq tat-talba tad-difiza fir-rigward tat-talba tieghu ai termini ta' l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Kemm fir-rapport ipprezentat

---

[10] Ara fol. 65 tal-Proċess kif ukoll ix-xhieda ta' Orland fol. 67 sa 70 tal-atti processwali.

minnu kif ukoll fix-xhieda tieghu huwa spjega li mit-testijiet li saru ħareġ b' mod ċar li fiż-żmien li seħħ il-każ l-akkużat kellu problema tad-dipendenża fuq id-droga. Ix-xhud kompla jgħid li l-akkużat huwa mdejjaq, ibagħti minn burdati u għandu rabja kbira u għalhekk ix-xhud irrakomanda li dawn jiġu indirizzati. Kompla jixhed ix-xhud li l-akkużat għandu *addictive nature* u għalhekk għalkemm għamel sforz kbir biex jegħleb il-vizzju tad-droga xorta hemm problema għaliex issa daret fuq xi ħaġa oħra li hija *addictive by nature*. In konklużjoni x-xhud qal li l-akkużat għandu jibqa jingħata l-għajnuna.[11]

10. Xehdet ukoll **Eunice Grech Fiorini** dak iż-żmien fil-kapaċita' tagħha ta' Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali fejn infurmat lill-Qorti li l-imputat ma' kellu l-ebda' każ ieħor pendenti quddiem il-Qorti.[12]

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

**i. Stqarrija:**

Illi fl-ewwel lok dina l-Qorti ser tikkunsidra l-valur probatorju li ghandha tinghata lill-istqarrija rrillaxata mill-imputat waqt l-investigazzjoni relatata mal-proceduri odjerni. Il-Qorti thoss li dan l-ezercizzju ghandu necessarjament isir bhala parti mill-evalwazzjoni ta' kull prova pprezentata fl-atti processwali u dana irrispettivament minn jekk l-imputat ikunx talab ghall-isfilz jew altrimenti tal-istess.

Illi jirrizulta li dina l-istqarrija ttiehdet nhar it-3 ta' Frar 2013 fit-3.15am skond il-ligi vigenti dak iz-zmien u dana wara li l-imputat ffirma id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali sabiex qabel ma ssir l-interogazzjoni jithalla jikkonsulta privatament ma avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon[13]. Dak iz-zmien li ttiehdet l-istqarrija l-imputat kellu 17-il sena tant li l-istess ittiehdet fil-prezenza ta' missieru. Jirrizulta ukoll li dak iz-zmien il-qua imputat kellu fedina penali netta. Din l-istqarrija ttiehdet mill-ispettur Pierre Grech fil-prezenza ta' PS 923 Pierguido Saliba u missier il-qua imputat (ghar-ragunijiet hawn fuq indikati) wara li l-imputat irrifjuta d-dritt li jiehu parir legali qabel jibda l-interrogatorju. Ta' dan huwa iffirma dikjarazzjoni fil-prezenza ta' l-ispettur Pierre Grech, PS 923 Pierguido Saliba u missier l-imputat. Mill-istess atti processwali ma jirrizultawx ragunijiet impellenti li minhabba fihom l-imputat ma setghax ikun assistit permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. L-unika raguni l-ghaliex limputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx

[11] Ara fol. 72 sa 83 tal-proċess.
[12] Ara fol. 118 sa 120 tal-proċess.
[13] Issir referenza ghal dok JC1 (fol. 16 tal-atti processwali).

tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna (2013) il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat ikun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija.

Illi fid-dawl tal-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjoni u Kriminali, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet in konnessjoni mal-imsemmija stqarrija. Fil-kaz odjern hekk kif inghad iktar 'il fuq meta l-qua imputat rrillaxxa l-istqarrija meta huwa kien ghadu minuri tant li kellu biss l-eta' tenera ta' 17-il sena. Il-fedina penali tieghu dak iz-zmien kienet wahda netta u ghaldaqstant rindikattiva li din kienet l-ewwel darba li l-qua imputat kien gie arrestat u nterogat. Dina l-Qorti lanqas ma tista tinjora l-hin li fih ittiehdet l-istqarrija u cioe' fit-3.15am. Fl-ahhar net dina l-Qorti tosserva li wara li analizzat l-atti processwali fl-assjem taghhom jirrizultalha li l-istqarrija kienet wahda inkriminanti tant li hija l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha migbura u l-interieta' tal-proceduri fil-konfront tal-imputat ma thossx li jkun *safe and satisfactory* li tistrieh fuq l-istqarrija rrillaxxata mill-qua imputat ai fini ta' reita' o meno tal-imputazzjonijiet addebitati lill-qua imputat. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tiskarta l-istess stqarrija fil-kunsiderazzjonijiet taghha.

**Imputazzjonijiet:**

Illi permezz ta' l-imputazzjonijiet odjerni l-qua imputat jinsab akkuzat bi traffikar, pussess aggravat u pussess semplici tal-ecstasy, kif ukoll b'pussess semplici tar-raza Cannabis u l-pjanta tal-Cannabis. Dana b'referenza ghat-2 ta' Frar 2013 u fix-xhur ta' qabel.

Illi l-uniku prova in sostenn tal-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda t-traffikar tal-ecstasy kienet l-istqarrija. Tenut kont li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rrillaxxata mill-imputat, din l-imputazzjonijiet ma gietx sodisfacentament ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi in kwantu ghall-imputazzjonijiet rigwardanti l-pussess semplici tal-ecstasy, tar-raza Cannabis u tal-pjanta Cannabis, dawn ukoll jistriehu principalment fuq l-istqarrija mghotija mill-imputat lill-pulizija, madanakollu mhux biss. Id-difiza ukoll ressqet provi li juru li l-qua imputat kellu problema ta' dipendenza fuq diversi sustanzi illeciti fosthom l-ecstasy u l-Cannabis u dana fiz-zmien indikat fic-citazzjoni. Konsegwentament, it-tielet imputazzjoni rigwardanti l-pussess semplici tal-ecstasy tirrizulta sodisfacentament ippruvata. Ghal dak li jirrigwarda l-pussess semplici tal-Cannabis (kemm pjanta tal-Cannabis u raza tal-Cannabis),

din il-Qorti ser tqis l-emendi li saru bis-sahha tal-Att LXVI tas-sena 2021 (partikolarment l-artikolu 4A tal-Kap.537 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn illum il-pussesss semplici tal-Cannabis f'ammont t'inqas minn seba' grammi ma ghadux reat u ghaldaqstant fid-dawl tal-gurisprudenza li ssir referenza ghaliha fl-ismijiet il-Pulizija vs. Brandon Lee Psaila[14] ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewgt imputazzjoni (u cioe' imputazzjoni numru 4 u 5).

Fl-ahhar net, b'referenza ghat-tieni imputazzjoni u cioe' l-imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess aggravat tad-droga ecstasy jirrizulta (partikolarment mix-xhieda ta' PS923 Pierguido Saliba) li l-qua imputat instab *flagrante delicto* fil-pussess ta' tnax-il pillola ta' kulur hadrani li mir-rapport tal-ispizjar Sammut jirrizulta li kien fihom is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (MDMA). L-imputat instab fil-pussess ta' dawn il-pilloli gewwa Paceville. Tenut kont ic-cirkostanzi li fihom l-qua imputat instab fil-pussess ta' dawn il-pilloli, partikolarment il-lok kif ukoll l-ammont tal-pilloli li nstabu fil-pussess tieghu, dina l-Qorti hija tal-fehma li dawn il-pilloli ma kienux intizi ghall-uzu esklussiv tieghu. Bla dubbju, l-ammont ta' 12-il pillola fuq il-persuna gewwa Paceville u cioe' lok maghruf ghad-divertiment ghaz-zghazagh (kuntrarjament forsi ghal meta dawn jinsabu f'residenza) ma huwiex wiehed indikattiv li kienu intizi esklussivament ghall-uzu personali. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-provi u c-cirkostanzi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat instab fil-pussess tad-droga ecstasy f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**ii. Piena:**

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati; l-fedina penali (aggornata) tal-imputat[15]; l-eta' li kellu meta gie kommess ir-reat; kif ukoll il-fatt li t-tielet imputazzjoni hija kompriza u nvoluta fit-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Din il-Qorti ser tqis ukoll x-xhieda mressqa mid-difiza mill-liema indubbjament jirrizulta l-progress sostanzjali li l-qua imputat ghamel sabiex jeghleb id-dipendenza fuq il-vizzju tad-droga. Fil-fatt dina l-Qorti f'dan ir-rigward ser taghmel referenza ghax xhieda ta' Mike Orland minn fejn jirrizulta li l-imputat fittex l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzji li huwa kellu. Jirrizulta ukoll li l-istess imputat halla diversi kampjuni tal-urina li rrizultaw kollha fin-negattiv ghas-sustanzi lleciti. Iktar minn hekk huwa ukoll ha hsieb li jahdem flimkien ma diversi professjonisti bil-ghan li jigu ndirizzati diversi diffikultajiet li huwa kien qed

[14] Mghotija minn din il-Qorti hekk kif preseduta nhar 18 ta' Marzu 2022.
[15] Fol. 132 tal-atti processwali

jiltaqa maghhom f'hajtu - fosthom terapija tal-familja. Ai fini ta' piena dina l-Qorti ha tiehu konjizzjoni ukoll tal-fatt li din il- Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. L-imsemmi Bord ikkonkluda l-kaz tal-qua imputat b'mod pozittiv ghall-ahhar. Fil-fatt mir-rapport finali mill-Agenzija Sedqa jirrizulta li:

> *"Illum il-gurnata, is-Sur Pace ma ghadux jaghmel uzu minn sustanzi illeciti. Fil-bidu tal-kuntatt tieghu mas-servizzi taghna, konna nindirizzaw id-diffikulta li kien isib f'certu waqtiet meta kien ihoss leblieba ghall-kannabis. Maz-zmien is-Sur Pace wera progress sostanzjali, specjalment mill-lenti ta' kif ihares lejn id-droga. Maz-zmien irnexxielu jimla l-hin tieghu b'affarijiet ta' gid li finalment wassluh sabiex illum il-gurnata la ghadu jhoss leblieba u lanqas isibha difficli."*[16]

Illi in sodisfazzjon ta' dak li jistipula l-artikolu 8(6) tal-Kap. 537, ir-registratur tal-Qrati u t-Tribunali Kriminali kkonfermat li Pace ma ghandux proceduri kriminali ohra pendenti ghajr dak odjern. Konsegwentament ma tirrizultax il-htiega li din il-Qorti ssejjah ghandha kazijiet ohra rigwardanti l-imputat odjern.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*
>
> *Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

Illi qari *ad literam* ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti jkollha l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti[17].

---

[16] Fol. 108 tal-atti processwali
[17] Ara f'dan is-sens il-verbal maghmul fl-udjenza ____.

Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:

> *"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan.".* [18]

Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:

> *"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. ... Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors.*
>
> *Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs. Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors."* [19]

Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:

> *"...il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt.*
>
> *Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta'*

[18] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014
[19] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

*ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."*[20]

Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga tista' tikkommetti numru ta' reati ohra sabiex tmantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga.

Stabbilit dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn:

(a) ir-reati li taghhom ser jinsab hati huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza li l-qua imputat kellu dak iz-zmien tar-reat odjern; u

(b) l-imputat irnexxielu jeghleb id-dipendenza fuq sustanzi lleciti huwa riforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga,

Din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-hames imputazzjoni u wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif ukoll l-artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, **Luis Miguel Pace, mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issibu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament,**

[20] Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015

**l-Qorti qed tikkundana lill-istess Pace għall-perjodu ta' disa' xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma għandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Luis Miguel Pace sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 1,030.98[21] konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur

[21] Eur. 242.37 (relazzjoni ta' Dr. S. Farrugia Sacco) + Eur. 88.61 (relazzjoni ta' Godwin Sammut) + Eur. 700 (relazzjoni ta' Dr. Curmi).